# QORTI TAL-APPELL

## IMĦALLFIN

**S.T.O. PRIM IMĦALLEF MARK CHETCUTI**
**ONOR. IMĦALLEF JOSEPH R. MICALLEF**
**ONOR. IMĦALLEF TONIO MALLIA**

**Seduta ta' nhar l-Erbgħa, 26 ta' Ottubru, 2022.**

**Numru 89**

**Rikors numru 1009/17/1 FDP**

**Fatima Zahra Zeroual**

**v.**

**Hashim Kuduzovic**

**Il-Qorti:**

1. Rat ir-rikors guramentat tal-attrici pprezentat fil-21 ta' Novembru, 2017, u li jaqra hekk:

> "**Illi** l-attrici Fatima Zahra Zeroual u l-konvenut izzewwgu fil-25 ta' Dicembru 2009, gewwa l-Marokk (*kopja awtentika tac-certifikat taz-zwieg hawn annessa bhala* **Dokument A)**, u minn liema zwieg ma twieldux tfal;
>
> **Illi** l-konvenut telaq mid-dar matrimonjali u ma baqax jaghti manteniment lill-attrici sa` mill-1 ta' Lulju tas-sena 2010;

**Illi** l-attrici ghamlet talba lit-*Trial Court* ta' Rabat fil-Marokk sabiex il-konvenut ihallasha l-manteniment abbazi ta' tletin elf Dirham Marokkin (30,000MAD)[1], fix-xahar u dan sa` mill-1 ta' Lulju, 2010, u kif ukoll sabiex il-konvenut ihallasha l-kumplament tad-dota fl-ammont ta' mitejn elf Ewro (€200,000.00);

Illi ma saret l-ebda separazzjoni *de iure* bejn il-partijiet;

Illi l-konvenut ghandu salarju ta' ghoxrin elf Euro (€20,000) fix-xhar (*vide* l-kopja tad-dikjarazzjoni annessa u mmarkata bhala **Dokument B**);

Illi t-*Trial Court* ta' Rabat fil-Marokk iddecidiet it-talba attrici nhar it-28 ta' Novembru, 2016, fejn ordnat lill-konvenut Hashim Kuduzovic '*to pay to the plaintiff 'Fatima Zahra Zeroual' her alimony, at the rate of 10,000 MAD*[2] *monthly, as from the 1st day of July 2010 and until loss of legal duty or modification of this decree by another and pay to her the remainder of her dowry, to wit: 200,000.00 Euros, with provisional enforcement of decree and makes the defendant bear legal costs*', *(kopja awtentika tas-sentenza hawn annessa u mmarkata bhala* **Dokument C**);

Illi, sussegwentement, permezz ta' sentenza ohra tal-24 ta' Mejju, 2017, il-Qorti ta' Rabat fil-Marokk ikkonfermat l-imsemmija sentenza tat-*Trial Court* ta' Rabat, Marokk, datata nhar it-28 ta' Novembru, 2016, u ddecidiet li l-*General Treasury* tal-Marokk hu responsabbli ghall-ispejjez legali relatati ma' l-ewwel sentenza, (*kopja awtentika tas-sentenza tal-24 ta' Mejju 2017, hawn annessa u mmarkata bhal* **Dokument D)**;

Illi l-konvenut mhux biss ma hallasx id-dota ta' mitejn elf Ewro (€200,000.00) lill-attrici, imma wkoll ma hallasx il-pagamenti tieghu tal-manteniment mill-1 ta' Lulju, 2010, u sa llum l-arretrati ta' manteniment jammontaw ghal disa' u sebghin elf, mitejn u erbgha u erbghin Euro (€79,244) ekwivalenti ghal tmien mija u tmenin elf Dirham Marokkin (880,000 MAD), skont ir-rata ta' skambju tal-10 t'Ottubru 2017;

Illi l-attrici ghandha interess illi tinforza s-sentenza tat-28 ta' Novembru, 2016, kif moghtija mit-*Trial Court* ta' Rabat fil-Marokk, fil-Gzejjer Maltin u dana stante l-fatt illi l-konvenut jinsab resident hawn Malta u senjatament gewwa numru 96, Triq is-Sejjieh, Is-Swieqi, u l-attrici ghandha nteress li tigbor il-flus lilha dovuti skond l-istess sentenza surriferita rapprezentanti d-dota u l-arretrati ta' manteniment lilha dovuti mill-konvenut;

---

[1] Ekwivalenti ghal elfejn, seba' mija u wiehed Euro u hamsin centezmu (€2,701.50), skont ir-rata ta' skambju tal-10 t'Ottubru 2017.
[2] Ghaxart elef Dirham Marokkin (10,000 MAD) huma ekwivalenti ghal disa' mitt Euro u hamsin centezmu (€900.50), skont ir-rata ta' skambju tal-10 t'Ottubru 2017.

**Ghaldaqstant**, l-attrici titlob, bir-rispett, illi din l-Onorabbli Qorti joghgobha:

1. Tiddikjara esegwibbli s-sentenza datata 28 ta' Novembru, 2016, moghtija mit-*Trial Court* ta' Rabat fil-Marokk fl-ismijiet '*Mrs Fatima Zahra Zeroual residing in Avenue Nakhil, Residence Hasnaa, Apt. 7, Hay Riad having a proxy Mrs Hafida Marzoul Rsq., attorney at the Bar of Rabat, plaintiff vs. Mr Hashim Kuduzovic, residing in Avenue Nakhil, Residence Hasnaa, Apt. 7, Hay Riad, Rabat, defendant*', li giet ikkonfermata b'sentenza ohra tal-24 ta' Mejju, 2017, tal-Qorti tal-Appell ta' Rabat fil-Marokk, u tordna l-esekuzzjoni taghha u dana ai termini ta' l-Artikoli 825A-828 tal-Kodici ta' Organizzazzjoni u Procedura Civili, Kapitlu 12 tal-Ligijiet ta' Malta;

2. Tordna r-registrazzjoni tas-sentenza datata 28 ta' Novembru, 2016, moghtija mit-*Trial Court* ta' Rabat fil-Marokk fl-ismijiet '*Mrs Fatima Zahra Zeroual residing in Avenue Nakhil, Residence Hasnaa, Apt. 7, Hay Raid having as proxy Mrs Hafida Marzoul Rsq., attorney at the Bar of Rabat, plaintiff vs. Mr Hashim Kuduzovic, residing in Avenue Nakhil, Residence Hasnaa, Apt. 7, Hay Riad, Rabat, defendant*', li giet ikkonfermata b'sentenza ohra tal-24 ta' Mejju, 2017, tal-Qorti tal-Appell ta' Rabat fil-Marokk, fl-Ufficju tar-Registru Pubbliku ai termini tal-Artikolu 828 tal-Kodici ta' Organizzazzjoni u Procedura Civili, Kapitlu 12 tal-Ligijiet ta' Malta.

Bl-ispejjez u bl-imghax bl-oghla rata li tippermetti l-ligi sad-data tal-pagament effettiv kontra l-konvenut illi huwa ingunt minn issa ghas-subizzjoni."

2. Rat ir-risposta guramentata tal-konvenut li in forza taghha eccepixxa illi:

"1. Illi in linea preliminari, u fl-ewwel lok, l-inkompetenza ta' dina l-Onorabbli Qorti stante li kwalunkwe talba ai termini tal-Artikolu 826 tal-Kap 12 ghandha ssir fil-qorti kompetenti ta' Malta, liema Qorti kompetenti fil-kawza odjerna hija certament il-Qorti Civili (Sezzjoni Familja), u dan ai termini tal-Avviz Legali 396 tal-2003.

2. Illi in linea preliminari ukoll, u fit-tieni lok, ma jezisti ebda res judicata ai termini tal-Artikolu 826 tal-Kap 12, u dan stante li l-esponenti sar jaf bis-sentenzi mertu ta' dan ir-rikors biss permezz ta' dan l-istess rikors odjern, u ghalhekk qieghed jiehu passi gudizzjarji gewwa l-Marokk u skont il-ligi Marokkina sabiex jikkontesta l-imsemmija sentenzi, liema sentenzi ghalhekk m'humiex sentenzi finali, u dan kif jirrizulta mid-dokumenti annessi u mmarkati **Dok A u Dok B**;

3. Illi subordinatament u minghajr pregudizzju ghas-suespost, ghal dak li jirrigwarda s-sentenzi tal-Qorti tal-Marokk f'dak li jirrigwarda dota, id-dota m'ghadiex tezisti u ma tistax iktar tigi enforzata taht il-ligi Maltija, stante li l-istess istituzjoni hija llum kuntrarja ghall-ordni pubbliku u/jew ghal-ligi pubblika interna ta' Malta, u ghalhekk is-sentenza f'dak li jirrigwarda d-dota qatt ma tista' tigi eforzata gewwa Malta ai termini tal-Artikolu 827(1)(c) tal-Kap 12;

4. Illi subordinatament u minghajr pregudizzju ghas-suespost, is-sentenzi tal-Qorti tal-Marokk mertu tar-rikors odjern ma jistghux jigu enforzati ai termini tal-Artikolu 827(1)(b) tal-Kap 12 stante li, jekk is-sentenzi inghataw fil-kontumacja tal-esponent, l-esponent ma seta' qatt ikun kontumaci stante li hu qatt ma gie debitament notifikat skont il-ligi bil-kawzi li nfethu kontrih gewwa l-Marokk;

5. Illi subordinatament u minghajr pregudizzju ghas-suespost, s-sentenzi mertu tar-rikors odjern huma vizzjati ai termini tal-Artikolu 827(1)(a) tal-Kap 12 b'referenza ghall-Artikolu 811(b) tal-Kap 12, fejn il-kawzi qatt ma gew notifikati lill-esponent u fejn l-esponent qatt ma deher fl-istess proceduri gewwa l-Marokk;

6. Illi subordinatament u minghajr pregudizzju ghas-suespost, s-sentenzi mertu tar-rikors odjern huwa vizzjati ai termini tal-Artikolu 827(1)(a) tal-Kap 12 b'referenza ghall-Artikolu 811(a), fejn is-sentenzi ttiehdu b'qerq tal-attrici bi hsara tal-esponent, fosthom fir-rigward tan-nuqqas ta' notifika, fir-rigward tal-kuntratt ta' zwieg li ma sarx kif maqbul, fir-rigward tal-pagamenti sostanzjali li l-esponent kien ghamel lill-attrici li naqset milli ssemmi l-attrici u fir-rigward tal-fatt li l-esponent m'ghadux jippercepixxi l-introjtu msemmi mill-attrici, u dan kif ser jigi spjegat u pruvat ulterjorment fil-mori tal-kawza odjerna.

7. Salv eccezzjonijiet ulterju;

Bl-ispejjez kontra l-attrici li minn issa hija ngunta in subizzjoni, u b'rizerva ghad-drittijiet kollha spettanti lill-esponent, fosthom ghad-danni."

3. Rat is-sentenza li tat il-Prim Awla tal-Qorti Civili fit-13 ta' Jannar 2022, li in forza taghha ddecidiet il-kawza fis-sens li gej:

"Tiċħad l-eċċezzjonijiet kollha tal-intimat, u għalhekk:

**Tilqa'** t-talbiet tar-rikorrenti kif dedotti.

**Tiddikjara** eżegwibbli s-sentenza datata 28 ta' Novembru, 2016, mogħtija mit-Trial Court ta' Rabat fil-Marokk, Kawża Nru 176/1620/2016 fl-ismijiet "***Mrs Fatima Zahra Zeroual residing in Avenue Nakhil, Residence Hasnaa, Apt. 7, Hay Riad having as proxy Mrs Hafida Marzoul Rsq., attorney at***

> ***the Bar of Rabat, plaintiff vs. Mr Hashim Kuduzovic, residing in Avenue Nakhil, Residence Hasnaa, Apt. 7, Hay Riad, Rabat, defendant***", li ġiet ikkonfermata b'sentenza oħra tal-24 ta' Mejju, 2017, Kawża Nru 63/1606/2017, tal-Qorti tal-Appell ta' Rabat fil-Marokk, u tordna l-eżekuzzjoni tagħha u dana ai termini ta' l-Artikoli 825A-828 tal-Kodiċi ta' Organiżazzjoni u Proċedura Ċivili, Kapitlu 12 tal-Liġijiet ta' Malta;
>
> **Tordna** r-reġistrazzjoni tas-sentenza datata 28 ta' Novembru, 2016, mogħtija mit-Trial Court ta' Rabat fil-Marokk, Kawża Nru 176/1620/2016 fl-ismijiet "***Mrs Fatima Zahra Zeroual residing in Avenue Nakhil, Residence Hasnaa, Apt. 7, Hay Riad having as proxy Mrs Hafida Marzoul Rsq., attorney at the Bar of Rabat, plaintiff vs. Mr Hashim Kuduzovic, residing in Avenue Nakhil, Residence Hasnaa, Apt. 7, Hay Riad, Rabat, defendant***", li ġiet ikkonfermata b'sentenza oħra tal-24 ta' Mejju, 2017, Kawża Nru 63/1606/2017, tal-Qorti tal-Appell ta' Rabat fil-Marokk, fl-Uffiċċju tar-Reġistru Pubbliku ai termini tal-Artikolu 828 tal-Kodiċi ta' Organiżazzjoni u Proċedura Ċivili, Kapitlu 12 tal-Liġijiet ta' Malta."

4. Dik il-Qorti tat is-sentenza taghha wara li ghamlet is-segwenti konsiderazzjonijiet:

> "42. Jirriżulta illi, fit-30 ta' Jannar 2018, il-partijiet indikaw lill-Qorti illi jkun aħjar li jiġu meqjusa u deċiżi l-ewwel żewġ eċċezzjonijiet ta' l-intimat, għal liema rikjesta l-Qorti qablet dakinhar. (fol 84)
>
> 43. Jirriżulta illi fis-17 ta' Frar 2021, il-partijiet indikaw lill-Qorti illi, in vista tal-provi prodotti, l-eċċezzjonijiet kollha jistgħu jiġu meqjusa mill-Qorti fid-deċiżjoni finali tagħha, u mhux biss l-ewwel żewġ eċċezzjonijiet.
>
> 44. Għalhekk, il-Qorti ser tgħaddi biex tiddeċiedi l-proċedura odjerna u tikkunsidra l-eċċezzjonijiet kollha ta' l-intimat Kuduzovic.
>
> **Ikkunsidrat**
>
> 45. Jirriżulta, fid-difiża tiegħu, illi l-intimat qiegħed joġġezzjona għat-talba ta' l-infurzar tas-sentenza tal-Qorti ta' Rabat, il-Marokk datata 28 ta' Novembru 2016 għar-raġunijiet segwenti:
>
> a. Din il-Qorti m'hix kompetenti biex tiddeċiedi dina l-kwistjoni peress illi messha saret quddiem il-Qorti Ċivili (Sezzjoni Familja).
> b. Is-sentenza ma hijiex 'res ġudikata', peress illi huwa għadu qed jikkontestaha.

c. Il-kunċett ta' dota f'Malta ġie abolit u għalhekk ma tistax tiġi enforzata f'Malta a tenur tal-Artikolu 827 (1) (c).
d. Is-sentenza ma tistax tiġi enforzata f'Malta a tenur tal-Artikolu 827 (1) (b) peress illi ngħatat fil-kontumaċja tiegħu.
e. Is-sentenza hija vizzjata a tenur tal-Artikolu 811 (b) tal-Kap 12 peress illi huwa qatt ma ġie notifikat.
f. Is-sentenza hija vizzjata a tenur tal-Artikolu 811 (a) peress illi ittieħdet riżultat ta' qerq.

46. Il-Qorti ser issa tgħaddi biex tikkunsidra kull eċċezzjoni separatament.

- **Nuqqas ta' kompetenza**

47. L-intimat jikkontendi illi, abbażi tal-Artikolu 4 tal-Iskeda annessa mal-Leġislazzjoni Sussidjarja 12.20, il-Qorti kompetenti sabiex tiddeċiedi t-talba rikorrenti kellha tkun il-Qorti Ċivili (Sezzjoni Familja).

48. Il-Qorti tagħmel referenza għar-4 Artikolu tal-Iskeda annessa mal-Leġislazzjoni Sussidjarja 12.20, li tgħid is-segwenti:

*Lill-Qorti Ċivili (Sezzjoni tal-Familja) għandhom jiġu assenjati dawk il-kawżi li jaqgħu fil-kompetenza tal-Qorti Ċivili u li għandhom x'jaqsmu ma':*

*(a) it-Titoli I, II u IV ta' l-Ewwel Ktieb tal-Kodiċi Ċivili;*
*(b) l-Ordinanza dwar l-Eżekuzzjoni ta' Digrieti ta' Manteniment;*
*(c) l-Att dwar l-Eżekuzzjoni Reċiproka ta' Ordnijiet ta' Manteniment;*
*(d) l-Att dwar iż-Żwieġ; u*
*(e) l-Att dwar is-Sekwestru u l-Kustodja ta' Minuri.*

49. L-Artikoli 825A sa 828 li abbażi tagħhom qiegħda ssir l-azzjoni odjerna, jinsabu fit-Titolu V tat-Tielet Ktieb tal-Kodiċi ta' Organiżazzjoni u Proċedura Ċivili.

50. Il-Qorti hawnhekk tagħmel referenza għal dak illi qalet il-Qorti fil-kawża 855/2015SM fl-ismijiet '**El Aal vs El Sajed**' deċiża fl-1 ta' Marzu 2017, fejn dwar eċċezzjoni simili, kellha dan xi tgħid sintetikament:

*24.1. Illi ai termini tal-artiklu 826 tal-Kap 12 fuq indikat hi proprju din il-qorti odjerna, senjatament il-Prim' Awla tal-Qorti Ċivili, li hi statutorjament munita bil- kompetenza li tordna l-eżekuzzjoni tas-sentenzi esteri li jkunu għaddew in ġudikat;*

*24.2. Illi din il-qorti la ġiet mitluba u lanqas hu l-kompitu tagħha, li teżamina l-mertu tal-każ stante li dan ġia` ġie deċiż fil-forum esteru fejn ir-riżultat tal-istess qed jiġi mitlub li jkun eżegwit f'Malta*

51. Illi huwa ċar lill-Qorti illi l-kompentenza għall-eżekuzzjoni ta' sentenzi barranija hija mansjoni prettament tal-Prim' Awla, Qorti Ċivili, u ċertament ma jaqgħux fl-ambitu tal-parametri ta' kompetenza mogħtija lill-Qorti Ċivili (Sezzjoni Familja).

52. Għalhekk, l-ewwel eċċezzjoni ma timmeritax illi tiġi kunsidrata favorevolment.

- **Is-sentenza ma hijiex res ġudikata**

53. L-intimat jikkontendi, fid-difiża tiegħu, illi l-proċeduri ġewwa l-Qorti tar-Rabat, fil-Marokk, ma humiex finali, w għadhom pendenti.

54. Ir-rikorrenti, da parte tagħha, tikkontendi illi huma finali u li din id-difiża hija unikament tentattiv da' parte ta' l-intimat biex itallgħu l-proċeduri.

55. Jirriżulta illi, għalkemm parte mill-assersjoni hija korretta, ma hijiex korretta għal kollox.

56. Jirriżulta, di fatti, illi s-sentenza tat-28 ta' Novembru 2016 mogħtija mill-Qorti ta' Rabat, il-Marokk (Proċeduri Nru 176/1620/2016) ġiet ikkonfermata mill-Qorti tal-Appell ta' Rabat, il-Marokk (Proċeduri Nru 63/1606/2017) fl-24 ta' Mejju 2017.

57. Jirriżulta, madanakollu, illi l-intimat intavola appell għad-deċiżjoni abbażi ta' varji ilmenti, fosthom il-fatt illi ma kienx notifikat korrettement, liema appell instema mill-Qorti tal-Appell (Proċeduri Nru 47/1622/2018) u ġew deċiżi finalment fis-26 ta' Frar 2020.

58. Jirriżulta illi fid-deċiżjoni tas-26 ta' Frar 2020, il-Qorti tal-Appell caħdet it-talba għar-revoka tad-deċiżjoni tat-28 ta' Novembru 2016 u għalhekk ikkonfermat id-deċiżjoni tat-28 ta' Novembru 2016.

59. Jirriżulta illi l-intimat jikkontendi illi huwa ressaq appell ieħor mid-deċiżjoni tas-26 ta' Frar 2020, iżda filwaqt illi huwa minnu li ppreżenta dokument li jagħti x'jifhem li seta' gie ppreżentat appell, ma ġew ippreżentati ebda dokumentazzjoni uffiċjali illi kien hemm appell ippreżentat, w il-konsulent legali Marokkina tar-rikorrenti ikkonfermat f'dokument minnha redatt illi ma hemm ebda appell pendenti.

60. Jirriżulta, finalment, illi d-deċiżjoni finali ġiet notifikata skond il-Liġi lill-intimat fit-13 ta' Lulju 2021.

61. Jirriżulta, għalhekk, mill-assjem tal-provi, li jidher ċar li d-deċiżjoni tat-28 ta' Novembru 2016, kif ikkonfermata mill-Appell fl-24 ta' Mejju 2017 u kif mgħarbla u kkonfermata mill-ġdid mill-istess Appell fis-26 ta' Frar 2020, hija attwalment res ġudikata.

62. Għalhekk, it-tieni eċċezzjoni ta' l-intimat ma timmeritax illi tiġi akkolta.

**- Sentenza mhux enforzabbli a tenur tal-Artikolu 827 tal-Kap 12**

63. Jirriżulta illi l-intimat qajjem ukoll eċċezzjonijiet fejn saħaq illi s-sentenza ma kinetx enforzabbli abbażi ta' varji difiżi naxxenti mill-Artikolu 827 tal-Kap 12, u dawna kienu s-segwenti:

a. Il-kunċett ta' dota f'Malta ġie abolit u għalhekk ma tistax tiġi enforzata f'Malta a tenur tal-Artikolu 827 (1) (c).
b. Is-sentenza ma tistax tiġi enforzata f'Malta a tenur tal-Artikolu 827 (1) (b) peress illi ngħatat fil-kontumaċja tiegħu.
c. Is-sentenza hija vizzjata a tenur tal-Artikolu 811 (b) tal-Kap 12 peress illi huwa qatt ma ġie notifikat.
d. Is-sentenza hija vizzjata a tenur tal-Artikolu 811 (a) peress illi ttieħdet riżultat ta' qerq.

64. Ikun għalhekk opportun illi jiġu evalwati l-Artikolu 826 u 827 fl-ottika ta' ġurisprudenza nostrana kif ukoll awturi.

65. Għandu jiġi osservat, l-ewwel u qabel kollox, illi l-eżekuzzjoni ta\` sentenza f\`Malta li tkun ingħatat minn Qorti jew tribunal ta\` pajjiż ieħor, u li ma jkunx stat membru tal-UE, mhijiex awtomatika għaliex tinvolvi proċediment exequitur skont kif previst fl-Art 826 tal-Kap 12.

66. Għandu jiġi osservat wkoll illi huwa possibbli li s-sentenza ma tingħatax rikonoxximent u allura eżekuzzjoni f\`Malta jekk tkunx tissodisfa r-rekwiżiti tal-Art 827 tal-Kap 12.

67. L-Art 826 tal-Kodiċi ta' Organiżazzjoni u Proċedura Ċivili (Kap 12) jgħid hekk:-

> *"Bla ħsara tad-dispozizzjonijiet tal-Att dwar l-Eżekuzzjoni Reċiproka ta\` Sentenzi ta\` Tribunali Ingliżi, is-sentenzi mogħtija minn qorti kompetenti ta\` pajjiż barra minn Malta, u li jkunu saru ġudikat, jistgħu jiġu eżegwiti mill-qorti kompetenti ta\` Malta, bħas-sentenzi mogħtija f\`Malta, fuq rikors b\`talba biex tiġi ordnata l-eżekuzzjoni ta\` dawk is-sentenzi."*

68. L-Art 827 tal-Kap 12 sussegwentement jipprovdi dwar x\`eżami trid tagħmel il-qorti meta ssir talba skont l-Art 826 tal-Kap 12, u s-subartikolu (1) jgħid illi l-eżekuzzjoni ma tkunx tista\` ssir :-

> *(a) jekk is-sentenza li tagħha tintalab l-eżekuzzjoni tista\` tkun attakkata għal xi waħda mir-raġunijiet imsemmija fl-Artikolu 811.*
>
> *(b) f\`każ ta\` sentenza mogħtija fil-kontumaċja, jekk il-partijiet ma kinux kontumaċi skont il-liġi barranija.*
>
> *(c) jekk is-sentenza fiha xi disposizzjonijiet kuntrarji għall-ordni pubbliku jew għal-liġi pubblika interna ta\` Malta.*

69. Sussegwentement, fis-subartikolu (2) jingħad illi :

*Għall-finijiet ta` dan l-artikolu, l-eċċezzjoni ta` inkompetenza minħabba nuqqas ta` ġurisdizzjoni tal-qorti li tat is-sentenza, tista` tingħata taħt id-dispożizzjoni tal-artikolu 811(d), ukoll jekk dik il-qorti tkun iddeċidiet fuq l-eċċezzjoni tal-inkompetenza, fil-każ ta` azzjoni kontra persuna li ma taqax taħt il-ġurisdizzjoni ta` dik il-qorti sew minħabba d-domiċilju jew ir-residenza tagħha, kemm-il darba dik il-persuna ma tkunx qagħdet minn rajha għal dik il-ġurisdizzjoni.*

70. Għandu jingħad illi, minn natura tiegħu, l-Art 827 jirrikjedi nterpretazzjoni stretta. Infatti, sabiex talba għall-eżekuzzjoni ta` sentenza tkun respinta jeħtieġ li tirriżulta xi preġudizzjali ndikata fid-disposizzjoni. Il-Qorti hawnhekk tagħmel referenza għall-kawża deċiża mill-Qorti tal-Appell fl-ismijiet **Schoeller International Gmbh v. Ellul et** fejn ingħad hekk:-

*F`dan il-kuntest din il-Qorti, pero`, tħoss li għandu jiġi osservat li meta ssir talba għall-eżsekuzzjoni ta` sentenza ta` qorti estera l-indaġini li trid issir mill-qorti lokali ma tridx tkun konċernata bil-mertu tal-proċeduri quddiem il-qorti estera li wassal għal dik is-sentenza għax altrimenti l-qorti li tkun ġiet mitluba li tagħti eżekuzzjoni lil dik is-sentenza tkun qed tassumi poteri li ma kienux intiżi bid-dispost tal-Artikolu 826 et sequitur tal-Kap. 12. F`dawn iċ-ċirkostanzi kull ma hu rikjest mill-Qorti ta` Malta hu li tassigura li dik is-sentenza ma tkunx, (a) tista` tiġi attakkata għal xi raġuni li, skond il-Kodiċi ta` Organizzazzjoni u Proċedura Ċivili, tagħti lok għar-ritrattazzjoni a tenur tal-Artkolu 811 tal-Kap 12, (b) li f`każ ta` sentenza mogħtija fil-kontumaċja, jekk il-partijiet ma kinux kontumaċi skond il-liġi barranija, u (c) li dik is-sentenza ma jkunx fiha xi disposizzjonijiet kuntrarji għall-ordni pubbliku jew għal-liġi pubblika interna ta` Malta.”*

*(ara wkoll Farrugia noe v. Peter Blond International Ltd. deċiża minn din il-Qorti fil-31 ta` Ottubru, 2008).*

71. Għandu jingħad illi tali prinċipji huma in konformita mad-dottrina in materia, u hawnhekk il-Qorti tagħmel referenza għal ġurist Luigi Mattirolo fit-**Trattato di Diritto Giudiziario Civile Italiana** (Vol. VI, 4a ed, Torino 1898 p. 942) fejn, dwar dina l-proċedura, jgħid is-segwenti dwar x'għandha tagħmel il-Qorti:

*… non e` chiamata ad esaminare e rivedere il merito della causa, e molto meno a riparare la sentenza estera che le apparisca contraria a giustizia, ma solo ad esaminare se la sentenza straniera abbia le condizioni necessarie perche` le si possa accordare forza esecutiva nel nostro territorio. Adunque il giudizio di delibazione e` un giudizio sui generis, straordinario, cosi` per riguardo al magistrato davanti a cui si*

*svolge in primo ed ultimo grado, come per i confini limitati entro i quali debbe strettamente contenersi l`esame dell`autorita` giudicante."*

72. L-intimat, fil-proċeduri odjerni, qiegħed jopponi li d-deċiżjoni tat-28 ta' Novembru 2016 tiġi eżegwita peress illi jikkontendi li ma kienx notifikat biha, hija vizzjata bil-qerq tar-rikorrenti u tipprovdi għall-ħlas ta' dritt illi ġie abolit fil-Liġi nostrana.

73. Il-Qorti, hawnhekk, tqis illi għandha tirreferi għas-sentenza li tat il-Qorti tal-Kummerċ fil-25 ta` Novembru 1952, fil-kawża fl-ismijiet **Salvatore Camilleri noe v. Spiridione Mizzi** fejn ingħad is-segwenti:-

*"Is-sentenzi li jkunu għaddew "in giudicato" pronunzjati minn tribunali kompetenti barra mill-Gżira ta` Malta u d-Dipendenzi Tagħha, huma eżegwibbli mill-Qrati kompetenti ta` dawn il-Gżejjer bħas-sentenzi mogħtijin f`dawn il-Gżejjer, b`ċitazzjoni b`talba biex tiġi ordnata l-eżekuzzjoni ta` tali sentenzi. Iżda l-Qorti, qabel ma tiddeċiedi fuq it-talba, għandha tara jekk is-sentenza li tagħha tintalab l-eżekuzzjoni tkunx impunjabbli għal xi wieħed mill-motivi speċifikati fl-art. 814 tal-Kodiċi tal-Proċedura Ċivili, jekk tirrikorrix xi ċirkustanza li tista` tirrendi kompetenti l-Qrati ta` dawn il-Gżejjer skond l-istess Kodiċi, jekk, f`każ ta` sentenza pronunzjata in kontumaċja, il-partijiet kinux legalment kontumaċi, u jekk is-sentenza tikkontjenix dispozizzjonijiet kuntrarji għall-ordni publiku jew għad-dritt publiku intern viġenti f`dawn il-Gżejjer. Jekk fis-sentenza tat-tribunal estern jinsab xi wieħed minn dawn id-difetti jew vizzji dik is-sentenza ma tkunx eżegwibbli f`dawn il-Gżejjer. Ikun hemm lok li tiġi opposta l-inkompetenza tat-tribunal minħabba nuqqas ta` ġurisdizzjoni tal-Qorti li tkun tat is-sentenza, ankorke` dik il-Qorti tkun iddeċidiet fuq l-eċċezzjoni tal-inkompetenza, fil-każijiet kollha ta` azzjonijiet kontra persuni mhux suġġetti għall-ġurisdizzjoni ta` dik il-Qorti minħabba d-domiċilju jew ir-residenza, kemm il-darba dawk il-persuni ma jkunux volontarjament issottomettew ruħhom għal dik il-ġurisdizzjoni. Bil-fatt li l-konvenut quddiem it-tribunal esteru baqa` kontumaċi, huwa ma jiġix li ssottometta ruħu volontarjament għall-ġurisdizzjoni ta` dak it-tribunal; għaliex il-kontestazzjoni kontumaċjali ma hix sottomissjoni għat-tribunal esteru, imma għandha tiġi nterpretata bħala oppozizzjoni għall-kompetenza tat-tribunal esteru. U dan apparti milli, biex l-Awtorita` estera jkollha notifika regolari taċ-ċitazzjoni trid tkun uniformat ruħha mal-ligi viġenti fil-pajjiż fejn dik in-notifika għandha tiġi eżegwita."*

74. Jirriżulta, mill-assjem tal-provi, illi fil-każ odjern ma hijiex qiegħda tiġi eżegwita sentenza illi l-intimat qatt ma seta' kellu ħjiel illi setgħet tingħata, stante illi jirriżulta ċar, anke minn l-atti ppreżentati mill-intimat

> stess, illi proċeduri bejn il-partijiet kienu gia inbdew minnu stess preċedentement.
>
> 75. Jirriżulta wkoll illi is-sentenza li qed tintalab l-eżekuzzjoni tagħha ġiet ikkontestata mill-intimat stess, waqt il-mori tal-proċeduri odjerni, w ir-rikjesta tiegħu ġiet miċħuda, u għalhekk jidher ċar illi l-intimat kellu kull opportunita' illi jikkontesta d-deċiżjoni li qed tintalab l-eżekuzzjoni tagħha hawn Malta, iżda falla!
>
> 76. Jirriżulta wkoll illi għalkemm l-istitut tad-"Dota", li dwarha jilmenta l-intimat, ġie abolit f'Malta, dana ma jfissirx illi ġie reż illegali u kontra l-ordni pubbliku, u għalhekk ma hemm ebda raġuni għaliex obbligu assunt mill-intimat b'mod legali bħala parti mill-prassi lokali ġewwa l-Marokk jitqies bħala illegali u mhux enforzabbli f'Malta.
>
> 77. Tenut kont tal-konsiderazzjonijet fuq magħmula, il-Qorti tqis illi l-aħħar erbgħa eċċezzjonijiet, għalhekk, ma jistgħux jiġu kkunsidrati favorevolment."

5. Rat ir-rikors tal-appell tal-konvenut li in forza tieghu, ghar-ragunijiet minnu premessi, talab li din il-Qorti:

> "joghgobha tirrevoka, thassar u tannulla s-sentenza tal-Qorti Civili, Prim'Awla tat-13 ta' Jannar 2022 fil-proceduri 1009/17 FDP fl-ismijiet Fatima Zahra Zeroual vs Hashim Kuduzovic u tilqa' l-eccezzjonijiet tal-konvenut appellant kif premessi minnu fir-risposta guramentata tieghu, bl-ispejjez taz-zewg istanzi kontra l-appellata."

6. Rat ir-risposta tal-attrici li in forza taghha, ghar-ragunijiet minnha premessi, tissottometti li din il-Qorti ghandha tichad it-talbiet kollha tal-appellant bl-ispejjez u bl-imghaxijiet kollha applikabbli skont il-ligi kontrih.

7. Rat li bis-sahha tal-emendi li dahlu recentement permezz tal-Att XXXII tas-sena 2021, il-Qorti nghatat is-setgha sabiex tghaddi ghas-sentenza u dan a tenur tal-Artikolu 152(5) tal-Kodici t'Organizzazzjoni u Procedura Civili (Kap. 12 tal-Ligijiet ta' Malta) u wara li rat l-proceduri bil-

miktub, ma tqisx mehtieg li jinghata smigh u ghalhekk ser tghaddi minnufih ghas-sentenza;

8. Rat l-atti kollha tal-kawza u d-dokumenti esebiti;

Ikkunsidrat;

9. Illi f'din il-kawza jirrizulta li l-partijiet izzewgu fil-25 ta' Dicembru, 2009 gewwa l-Marokk skont ir-riti tal-Kuran Imqaddes u tas-Sunnah. Minn dan iz-zwieg ma kienx hemm tfal. Fl-1 ta' Lulju, 2010, il-konvenut telaq mid-dar u waqaf jaghtiha manteniment. L-attrici fethet proceduri gewwa l-Marokk ghall-hlas ta' manteniment u ghad-dota pattwiti dakinhar taz-zwieg skont il-ligi Marokkina. L-attrici rebhet il-kaz taghha quddiem il-qrati ta' dak il-pajjiz, u ghalkemm il-konvenut ressaq appell u anke proceduri ta' ritrattazzjoni, is-sentenza favur l-attrici baqghet konfermata.

10. B'dawn il-proceduri, l-attrici qed titlob l-esekuzzjoni tas-sentenza estera gewwa Malta. Il-konvenut ressaq diversi eccezzjonijiet li kollha gew michuda mill-ewwel Qorti. Il-konvenut issa ressaq appell mis-sentenza u, bejn wiehed u iehor, ressaq f'dan it-tieni stadju l-istess aggravju li ressaq quddiem l-ewwel Qorti.

11. Fil-kuntest tal-aggravju marbut mal-kompetenza tal-Qorti, il-konvenut jghid li l-qorti kompetenti hija l-Prim Awla tal-Qorti Civili,

Sezzjoni Familja. Din il-Qorti ma taqbilx ma' dan l-aggravju. Din il-kawza ma hijiex wahda ghall-manteniment izda ghall-esekuzzjoni ta' sentenza estera, u tali kawza taqa' li tkun determinata mill-qrati ta' gurisdizzjoni generali. Ma hemm xejn fil-ligi li torbot talba simili mal-Qorti Sezzjoni Familja. L-Avviz Legali (dak bin-numru 396 tal-2003) li jaghti lista ezawrjenti tal-kawzi li jaqghu taht il-kompetenza tas-Sezzjoni Familja tal-Prim Awla tal-Qorti Civili ma jkoprix l-esekuzzjoni ta' sentenza moghtija mill-qrati barranin. L-Att dwar l-Ezekuzzjoni Reciproka ta' Ordnijiet ta' Manteniment, li hu nkluz fil-lista, jirreferi l-aktar ghal certi pajjizi tal-Commonwealth u mhux ghall-Marokk. Dan l-Att jolqot pajjizi li jigu identifikati mill-President ta' Malta bhala pajjizi li jirreciprokaw fl-esekuzzjoni ta' sentenzi Maltin, izda, kif inghad, ma jkoprix il-Marokk. L-imsemmi Avviz Legali ma jghidx li kull sentenza ta' qorti barranija li hija relatata ma' separazzjoni, manteniment jew divorzju ghandha tigi ezegwita taht l-awtorita` tal-Qorti Civili, Sezzjoni Familja. Tajjeb li jigi senjalat li l-Prim Awla tal-Qorti Civili fil-kawza fl-ismijiet "El Aal v. El Sayed", deciza fl-1 ta' Marzu, 2017, osservat:

> "Illi *ai termini* tal-artiklu 826 tal-Kap 12 fuq indikat hi proprju din il-qorti odjerna, senjatament il-Prim'Awla tal-Qorti Civili, li hi statutorjament munita bil-kompetenza li tordna l-esekuzzjoni tas-sentenzi esteri li jkunu ghaddew in gudikat."

Din hi l-posizzjoni li qed thaddem din il-Qorti, anke fid-dawl tal-fatt li din l-istess Qorti hadet l-istess posizzjoni, cioe`, li hija l-Prim Awla tal-Qorti Civili li hi kompetenti tenforza sentenza estera tal-Qorti tal-Familja, u dana fil-kawza "Caruana v. Bonnici et noe", deciza fis-27 ta' Marzu, 2020.

12. Il-konvenut jikkontesta wkoll il-fatt illi s-sentenza estera ghaddiet in gudikat. Mill-atti tal-kawza, pero`, jirrizulta l-kuntrarju. Is-sentenza originali nghatat mit-*Trial Court* ta' Rabat fil-Marokk, u din giet ikkonfermata b'sentenza tal-24 ta' Mejju, 2017, mill-Qorti tal-Appell ta' Rabat. Din is-sentenza tal-appell regghet giet ikkontestata permezz ta' talba ta' ritrattazzjoni mill-konvenut, u kkonfermata mill-gdid permezz ta' decizjoni tal-Qorti tal-Appell ta' Rabat fil-Marokk tas-26 ta' Frar, 2020, u nnotifikata lill-konvenut fl-14 ta' Lulju, 2021.

13. Fl-atti tal-kawza tirrizulta konferma mahlufa mill-avukat Marokkina Hafida Marzouk Houles illi "*the decision made by the appeal court of Rabat on 26/4/2020, subject to the personal status case file no. 47/1606/2018 according to which the court dismisses the appeal and the opposition made by Mr. Hashim Kuduzovic, has become res judicata and it cannot be legally, judicially and jurisdicitionally reappealed and the enforcement thereof cannot be stayed as the decision is final.*" F'din id-dikjarazzjoni, hu veru, hemm zball fid-data tad-decizjoni u fin-numru tal-*file* kif jirrizulta car mid-dokumenti esebiti, pero`, ir-referenza ghal dan il-kaz hija ovvja.

14. Il-konvenut ressaq dokument minn avukat Marokkin li jghid illi l-kaz tieghu ghadu pendenti quddiem il-Qorti tal-Appell, pero`, tali dikjarazzjoni mhux sostnuta b'dokumenti ufficjali bhal ma hija l-posizzjoni mehuda mill-

avukat Houles. Fl-atti hemm dokument mahrug mill-Qorti tal-Appell ta' Rabat fil-Marokk datat 26 ta' Frar, 2020, fejn ittiehdet decizjoni "*to dismiss the appeal and cassation and the remaining requests*" tal-konvenut appellant, u din tidher li hi l-posizzjoni finali. Kien hemm epoka meta s-sentenza tal-Qorti tal-Appell giet sospiza, izda eventwalment, inghatat it-tieni sentenza mill-Qorti tal-Appell li cahdet is-sottomissjonijiet tal-konvenut.

15. Il-konvenut jghid ukoll illi hu ma kienx gie notifikat bil-kawza li fethet kontra tieghu martu l-attrici. Jirrizulta, pero`, illi n-notifika saret f'idejn impjegata tieghu fid-dar matrimonjali tal-koppja, notifika li titqies valida kemm fil-Marokk u anke f'Malta. Oltre dan il-konvenut kien ressaq appell quddiem il-Qorti tal-Appell ta' Rabat fil-Marokk f'dan ir-rigward fejn allega illi huwa ma kienx debitament notifikat bil-kawza precedenti, izda l-imsemmija Qorti tal-Appell, permezz tas-sentenza datata s-26 ta' Frar, 2020, cahdet l-appell. Dan ifisser mhux biss li l-konvenut kien jaf bil-proceduri li ttiehdu kontra tieghu, imma dan l-ilment gie mistharreg gudizzjarjament f'dawk l-istess procedimenti fuq talba tieghu stess u gie michud.

16. Fir-rigward tan-nuqqas ta' gurisdizzjoni tal-qrati tal-Marokk, il-konvenut jghid illi hu ma hux resident jew domiciljat f'dak il-pajjiz. Apparti kemm hi veritiera din id-dikjarazzjoni, il-konvenut ippartecipa fil-kawzi gewwa l-Marokk, *stante* li kien huwa stess li talab ghal ritrattazzjoni a bazi

tal-kontumacja u l-allegazzjoni tieghu li ma kienx gie notifikat. Il-konvenut ghandu jitqies li hu ssottometta ruhu ghall-gurisdizzjoni tal-qrati tal-Marokk u dan meta ppartecipa attivament fil-proceduri. Il-ligi Maltija tippermetti li tigi kkontestata l-gurisdizzjoni ta' qorti estera li sentenza estera tkun qed tintalab l-esekuzzjoni taghha jekk ma jkunx resident jew domiciljat f'dak il-pajjiz esteru, izda dan ma jkunx jista' jaghmlu jekk ikun ha parti attiva fil-proceduri gudizzjarji quddiem il-qrati ta' dak il-pajjiz esteru. Il-konvenut ikkonferma l-gurisdizzjoni tal-qrati tal-Marokk meta huwa stess appella mis-sentenzi tat-28 ta' Novembru, 2016, u tal-24 ta' Mejju, 2017, u ppartecipa fil-proceduri quddiem il-Qorti tal-Appell fil-Marokk sakemm inghatat id-decizjoni finali fis-26 ta' Frar, 2020. Fuq talba tal-istess konvenut, il-Qorti tal-Appell tal-Marokk semghet dak li kellu jissottometti fuq il-kontumacja u n-notifika fil-konfront tieghu, u regghet ezaminat il-meritu tal-kawza rigward il-hlas tad-dota u tal-manteniment, u kkonfermat is-sentenza tal-ewwel istanza.

17. Il-konvenut jissolleva wkoll kwistjonijiet marbuta mal-ordni pubbliku ta' Malta. Jghid, fl-ewwel lok, li zwieg skont ix-*Sharia* ma hu zwieg xejn u mhux rikonoxxut taht il-ligi Maltija. Din il-Qorti tixtieq tirrimarka, qabel xejn, u dan bhala ezempju, li meta divorzju ta' koppja mizzewga kien jitqies kontra l-ordni pubbliku Malti, mhux l-ewwel darba li l-qrati Maltin kienu jaghtu d'*intendere* li pronunzjament ta' divorzju jista' jkollu effett ta' sentenza ta' separazzjoni hawn Malta. Hekk fil-kawza "Low v. Low" deciza minn din il-Qorti fl-1892 (Kollez. Vol. XIII.252) intqal li "*il divorzio*

*pronunciato all'estero potrebbe avere in Malta l'effetto di una sentenza di separazione personale*". Dan qed jinghad biex jintwera kif certi aspetti ta' ordni pubbliku huma flessibbli, u jekk bejn il-partijiet ma sarx zwieg fis-sens tal-ligi Maltija, dik l-ghaqda tista' titqies bhala koabitazzjoni li llum bilkemm tista' titqies kontra l-ordni pubbliku Malti darba li l-koabitazzjoni hija espressament regolata bil-ligi. L-effetti kuntrattwali li l-partijiet ftehmu dwarhom meta dahlu "fiz-zwieg" ma ghandhomx, ghalhekk, jigu skartati, sakemm dawk l-effetti ma jkunux huma kontra l-ordni pubbliku Malti.

18. Il-konvenut, fil-fatt, jghid li l-ftehim fuq id-dota ma ghandux jigi rispettat peress li dan tnehha mill-Kodici Civili Malti u allura sar kontra l-ordni pubbliku. Dan jghidu peress illi l-istitut kien diskriminatorju. Ghalkemm jidher li d-dota, fil-ligi tal-Marokk, tista' tinghata biss lill-mara fiz-zwieg, ma jirrizultax li l-konvenut talab li hu jinghata xi forma ta' dota u gie mcahhad. Lanqas hawn Malta ma hu qieghed jikkontesta formalment, bi proceduri appoziti, il-validita` tad-dota li hu ta lill-attrici mill-ambitu kostituzzjonali jew tad-drittijiet tal-bniedem. Biex ikun hemm diskriminazzjoni jrid jirrizulta li persuna fl-istess sitwazzjoni bhal persuna ohra giet trattata b'mod diskriminatorju, li ma jirrizultax f'dan il-kaz.

19. Barra minn dan, ghalkemm il-ligi dwar id-dota giet abrogata mill-Kodici Civili permezz ta' Att XXI tal-1993, dan ma jfissirx illi tmur kontra l-ordni pubbliku ta' Malta. Ghad hemm diversi artikoli fil-Kodici Civili li jirreferu ghad-dota, *ad exemplum*, l-Artikolu 1320(b), 1366(a) u 2018. Il-

Qrati taghna ghadhom jirregolaw l-effetti ta' dan l-istitut, bhal fil-kawza "ABC v. Calleja et noe", deciza mill-Prim Awla tal-Qorti Civili, Sezzjoni Familja, fl-4 ta' Marzu, 2020. F'dik il-kawza l-Qorti laqghet it-talba tal-attrici sabiex jigu ristitwiti l-beni kollha dotali, u fin-nuqqas li l-konvenut jaghmel dan, jigi ordnat ihallas il-valur tal-imsemmija dota. Fl-istess sens hija s-sentenza moghtija mill-istess Qorti fil-kawza fl-ismijiet "Vella v. Vella", deciza fit-12 ta' Lulju, 2018. Dan juri li *nonostante* l-fatt li l-ligi dwar id-dota giet abrogata wara s-sena 1993, tali istitut mhux talli ma jmurx kontra l-ordni pubbliku u/jew il-ligi pubblika interna ta' Malta, izda hu principju li ghadu jezisti fil-hajja Maltija u rikonoxxut mill-qrati taghna.

20. Il-konvenut jghid ukoll li s-sentenza tal-Marokk ittiehdet b'qerq. Tajjeb li jigi rilevat f'dan l-istadju li kif qalet din il-Qorti fil-kawza "Zammit McKeon noe v. Laferla Insurance Agency Ltd et" deciza fil-25 ta' Ottubru, 2013, fil-qafas ta' dak li hu kompetenza tal-qrati lokali mitluba jesegwixxu sentenza estera, din il-kompetenza hi limitata.

> *"Dawn l-eccezzjonijiet kif kontemplati fl-artiklu 827 huma mhux biss ta' interpretazzjoni stretta, izda huma 'exhaustive', fis-sens li l-qorti ma tistax tirrifjuta l-esekuzzjoni ta' sentenza estera ghal xi raguni mhux kontemplata f'dan l-artiklu. Qorti Maltija mitluba tesegwixxi sentenza ta' pajjiz barra mill-Unjoni Ewropea, trid issegwi dawn ir-regoli stretti u limitatissimi. Il-funzjoni tal-Qorti Maltija hi li tordna l-esekuzzjoni tas-sentenza estera sakemm ma jigix ipprivat a sodisfazzjon taghha xi wahda jew aktar mill-eccezzjonijiet kontemplati fl-artiklu 827 imsemmi. Mhix il-funzjoni tal-qorti lokali li terga tiftah il-meritu tal-kwistjoni deciza bis-sentenza estera, u partikolarment, mhux kompitu tal-qorti la li tghaddi gudizzju fuq il-kompatibilita` tal-ligi estera mal-ordinament guridiku Malti u lanqas li tqabbel il-ligi estera ma' dik Maltija, u tirrifjuta li tesegwixxi sentenza ta' pajjiz li ghandu ligijiet differenti minn ta' Malta. Il-principju ta' 'comity of nations' ma jippermettix dan, u lanqas ma jippermettih l-artiklu 827. Hu biss meta s-sentenza estera, fl-interpretazzjoni tal-ligi estera, tkun kuntrarju ghall-ordni pubbliku jew*

> *ghal-ligi pubblika interna ta' Malta, li qorti lokali tista' tirrifjuta li tesegwixxi dik is-sentenza estera";*

21. Hekk ukoll fis-sentenza fil-kawza fl-ismijiet "Schoeller International Gnubh v. Ellul et", moghtija minn din il-Qorti fl-10 ta' Mejju, 2005, intqal:

> *"F'dan il-kuntest din il-qorti, pero`, thoss li ghandu jigi osservat li meta ssir talba ghall-esekuzzjoni ta' sentenza ta' qorti estera l-indagini li trid issir mill-qorti lokali ma tridx tkun koncernata bil-mertu tal-proceduri quddiem il-qorti estera li wassal ghal dik is-sentenza ghax altrimenti l-qorti li tkun giet mitluba li taghti esekuzzjoni lil dik is-sentenza tkun qed tassumi poteri li ma kienux intizi bid-dispost tal-artiklu 826 et sequitur tal-Kap 12, (ara ukoll Farrugia nominee vs. Peter Blond International Limited deciza minn din il-qorti fil-31 t'Ottubru, 2008";*

Kompla jinghad fl-istess sentenza:

> "*Bl-ebda mod ma jfisser illi jekk ligi estera hija differenti minn dik Maltija, allura s-sentenza estera ma tigix enforzata … Il-fatt li pajjiz esteru ghandu principji ta' dritt differenti minn dawk lokali ma jtellfux mill-enforzar taghha, sakemm ma jolqtux is-sens ta' gustizzja ta' dak il-pajjiz";*

22. Dan juri li hemm limitu kemm din il-Qorti, fi proceduri ta' din ix-xorta, tista' tissindika l-meritu ta' kawza deciza f'pajjiz esteru. F'dan il-kaz ma ngiebet ebda prova ta' qerq ipprattikat mill-attrici. Dak li talbet l-attrici huwa li l-kuntratt redatt fiz-zwieg li sar bejn il-partijiet jigi onorat. Il-konvenut accetta t-termini tal-kuntratt u f'ebda stadju ma kkontestah. Jekk, kif jghid, hu ma jifhimx il-lingwa Gharbija, kellu jivverifika qabel ma jiffirma. Huwa principju legali illi jekk parti ma tifhimx il-kontenut ta' dokument, izda tiffirmah qabel ma titlob li dak id-dokument jigi spjegat lilha, hija xorta wahda tkun marbuta bit-termini ta' dak id-dokument.

23. Wiehed ifakkar li f'dan il-kaz il-konvenut ressaq l-allegazzjonijiet fir-rigward tal-qerq allegatament kommess da parti tal-attrici quddiem il-Qorti tal-Appell tal-Marokk, izda hemm ukoll jidher li ma ressaqx provi tajbin bizzejjed, tant illi l-allegazzjonijiet tieghu gew michuda.

Ghaldaqstant, ghar-ragunijiet premessi, wara li tichad l-aggravji kollha tal-konvenut Hashim Kuduzovic, tiddisponi mill-appell tieghu billi tichad l-appell u tikkonferma s-sentenza tal-ewwel Qorti, bl-ispejjez kollha tal-kawza jithallsu mill-istess konvenut appellant.

| | | |
|---|---|---|
| Mark Chetcuti<br>Prim Imħallef | Joseph R. Micallef<br>Imħallef | Tonio Mallia<br>Imħallef |

Deputat Reġistratur
gr